# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tal-46 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tnejn 12 ta' Settembru 2022 fis-6:00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Henry Zaffarese | Viċi-Sindku |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Raymond Decelis | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

46.01 **Talba**

46.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

46.02 **Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

46.02.01 Is-D.S.E. nforma li l-Kunsillier Dingli kien talab li jiġi skużat minħabba li kien xogħol. Il-Kunsill approvat din it-talba.

46.03 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 45**

46.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa nru 45 ġew approvati unanimament. Il-Kunsillier Decelis ippropona u l-Viċi-Sindku issekonda.

46.04 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

46.04.01 Is-Sindku nfurmat li ftit tal-ġranet ilu kienet ġiet inawgurata l-bandla għal persuni li jużaw siġġu tar-roti fi Ġnien Tfal ir-Raħal. Hija qalet li wara l-inawgurazzjoni, flimkien mal-Kunsillieri preżenti, kienet marret ħdejn il-Ħajt tal-Matla. Hija qalet li peress il-ħajt il-ġdid ma jħallix aċċess għall-Ħajt tal-Matla, kien hemm qbil li parti minn dan il-ħajt għandha titneħħa. Hija qalet ukoll li s-Sur Cauchi mis-Sovrintendenza għall-Wirt Kulturali kien qed jaqbel mal-Kunsill u għalhekk ix-xogħol ġie sospiż. Hija qalet ukoll li d-DSE kien tkellem mal-Perit Bonnici minn IM u dan qed jistenna minn għandna ritratti ta' kif oriġinarjament kien il-Ħajt tal-Matla qabel jitkompla x-xogħol.

46.04.02 Rigward il-bankina fi Triq Karmenu Ciantar, is-Sindku nfurmat li IM kienu talbuna korrispondenza tal-Kunsill preċedenti fejn juri l-qbil li kien sar sabiex parti mill-bankina ssir minn IM bid differenza fil-materjal titħallas mill-Kunsill. Hija qalet li jidher li s-CEO il-ġdid ta' IM mhux qed jaqbel ma' dan l-arranġament għax jista'

jinħoloq preċedent. Hija qalet li huwa fatt li l-Kunsill, għal diversi raġunijiet, kaxkar saqajh fuq il-bini ta' din il-bankina. Hija qrat *email* li kienet bgħatet l-ex-Sindku C. Muscat fejn jissemma l-qbil imsemmi aktar il-fuq. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil li l-bankina jew issir tal-konkos minn IM jew, jekk jirnexxielna, ssir bil-*paving blocks* mill-PWD.

46.04.03 Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa mad-DG tal-PWD rigward ix-xogħlijiet fil-Pjazza. Hija spjegat li dorna diversi postijiet fejn hemm l-*issues* u d-DG wiegħed li fil-futur qarib għandha ssir it-tiswija meħtieġa li tinkludi lava mkissra, spralli li jċekċku kif ukoll il-problema tal-ilma li qed joqgħod fi Triq San Bażilju quddiem stabbiliment partikolari. Hija qalet li l-*culverts* ta' Triq id-Duluri ser isiru bħal ma saru fi Triq il-Madonna tal-Ġilju. Finalment hija qalet li kien ser isir attentat sabiex xi madum mit-Triq tan-Nofs li qiegħed iktar għoli mill-oħrajn, jitranġa bil-*grinder*.

46.04.04 Is-Sindku nfurmat li kienet irċeviet talba sabiex issir bozza oħra fit-Triq tan-Nofs quddiem ħanut partikolari. Id-DSE qal li fil-passat il-Kunsill kien diġà rċieva din it-talba u l-kuntrattur tad-dawl kien infurmana li mhux possibbli li tiżdied bozza/fanal ieħor minħabba li issa għaddej kollox minn taħt l-art u allura hemm limitu ta' x'jista jsir. Fiċ-ċirkostanzi ġie deċiż li ninfurmaw lil min talab din il-bozza li din ma tistax issir.

46.04.05 Is-Sindku nfurmat li konna rċivejna talba sabiex tiżdied bozza fi Triq Mons. Alfons Caruana. Ġie deċiż li jekk jirrizulta li hemm il-bżonn, din issir.

46.04.06 Is-Sindku nfurmat li kienet irċeviet talba sabiex issir *Sleeping Policeman* fi Triq Żurrieq. Dwar dan kien hemm qbil li tintbagħat it-talba lil-TM.

46.04.07 Is-Sindku nfurmat li l-forn li kien hemm fi Triq Valletta issa għalaq. Hija qalet li għal dan il-għan l-*Unloading/Loading bay* tista titneħħa. Quddiem il-garaxx issir *drop-kerb* plus mera fuq *pole* faċċata. Jekk ikun hemm spazju wara li jsiru l-"mustaċċi", kien hemm qbil li jsir parkeġġ għal-mutur. Dwar dan kien hemm qbil.

46.05 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

46.05.01 Il-Viċi-Sindku staqsa dwar il-bankijiet fi Ġnien M. Sapiano u s-Sindku nfurmat li dawn kienu ser isiru fil-ġranet li ġejjin mill-ħaddiema tat-*Tourism Zones Foundation*.

46.05.02 Il-Viċi-Sindku staqsa jekk hux possibbli li l-bankina fi Triq G. Mangion issir bil-konkos. Ġie deċiż li tinġieb stima mingħand il-kuntrattur.

46.05.03 Il-Kunsillier Sciberras talab li jinqata l-ħaxix selvaġġ f'Wesgħet l-Ispiżerija l-Antika. Kien hemm qbil li dan isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

46.05.04 Il-Kunsillier Sciberras informa li kien irċieva talba sabiex issir bozza oħra f' Wesgħet l-Ispiżerija l-Antika. Dwar dan kien hemm qbil.

46.05.05 Il-Kunsillier Sciberras ressaq ilment dwar karru li huwa mitluq f'Wesgħet l-Ispiżerija l-Antika. Ġie deċiż li dan l-ilment jiġi riferut lill-LESA.

46.05.06 Il-Kunsillier Sciberras staqsa meta ser jitneħħa l-arblu l-antik li hemm fi Triq Santa Marija kantuniera ma' Triq iċ-Ċavi. Ġie deċiż li niċċekkjaw mal-Enemalta. Is-Sindku qalet illi kienet għaddiet dan l-ilment lill-Ministeru għall-Enerġija.

46.05.07 Il-Kunsillier Sciberras ilmenta dwar karozzi tal-Linja li qed jibqgħu bil-magna tixgħel fil-Pjazza. Is-Sindku nfurmat li dan is-suġġett għandu jiġi diskuss waqt laqgħa ma' TM.

46.05.08 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar il-madum maqlugħ fit-Triq tas-Sejba. Is-Sindku nfurmat li għandu jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill fil-ġranet li ġejjin.

46.05.09 Il-Kunsillier Sciberras ilmenta dwar tappieri li hemm bzonn jitranġaw fi Triq tas-Sejba. Gie deciz li nergghu niktbu lil-WSC.

46.05.10 Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li ssir mera fi Triq il-Parroċċa kantuniera ma' Sqaq Buħar. Ġie deċiż li din issir però qabel għandna ninfurmaw lil-sid id-dar li magħha ser teħel din il-mera.

46.05.11 Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li jsir *railing* tal-ħadid fil-Pjazza kantuniera ma' Triq San Bażilju. Il-Kunsillier Sciberras għandu jipprovdi ritratt tas-sit.

46.05.12 Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li jsiru *Double Yellow Lines* mad-dawra tal-Ġnien tal-Mentna. Ġie deċiż li ssir talba f'dan is-sens lil-TM.

46.05.13 Il-Kunsillier Decelis semma li fil-passat, kien hemm *plier* fil-Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Huwa qal li jinsab infurmat li l-ġebel ta' dan il-*plier* kien ittieħed għar-restawr però ma kienx ġie lura. Ġie deċiż li l-Kunsillier Decelis għandu jipprova jġib dan il-*plier* lura u jekk le, issir ir-*roundabout* kif kien issuġġeriet f'laqgħa preċedenti.

46.05.14 Il-Kunsillier Decelis talab li jsir tindif tal-*culverts*. Id-DSE. informa li dawn suppost li diġà saru però kien ser jikkonferma u jekk ma jkunux saru, isiru.

46.05.15 Il-Kunsillier Decelis staqsa dwar iż-żebgħa taz-*Zebra Crossing* fi Triq il-Qrendi. Is-Sindku nfurmat li konna ktibna lil-IM sabiex isiru minnhom peress li hemm hija triq arterjali.

46.05.16 Il-Kunsillier Decelis issuġġerixxa li jsiru *Pelican Lights* fuq iz-*zebra crossing* fi Triq il-Qrendi. Ġie deċiż li nirreferu din it-talba lill-Perit D. Vassallo ta' IM.

46.05.17 Il-Kunsillier Decelis staqsa dwar il-bank tal-ġebel li kien ippropona li jsir mal-ġenb tal-Kappella ta' Santa Katerina. Id-DSE informa li kien għadu jrid jiċċekkja mal-Perit responsabbli mir-restawr jekk dan jistax isir.

46.06 **Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

46.06.01 Ċirkulari Numru SPI/SCI/9/2022 mingħand id-DLG rigward Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom. Is-Sindku spjegat li fiċ-ċirkostanzi, jkun ideali li l-Kunsill jagħmel *refurbishment* u jagħti dehra ġdida lill-Ġnien tal-Mentna li ilu mitluq għal diversi snin. Hija qalet li iktar tard din il-ġimgħa kienet ser tiltaqa' mal-Perit tal-Kunsill sabiex naraw x'hemm bżonn li jsir biex il-Ġnien jingħata dehra isbaħ u aktar sigura' u għalhekk għandu jkun hemm CCTV installati. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Ġie approvat ukoll li l-Kunsill joħroġ is-sehem tiegħu ta' 15% li l-massimu tiegħu għandu jkun €15,000 peress li l-għotja lil kull Kunsill taħt din l-iskema m'għandiex taċċedi l-€100,000. Il-Kunsill għandu jġib il-konferma mingħand l-*Accountant* tiegħu li jinsab f'qagħda finanzjarja tajba li jiffinanzja d-differenza tal-proġett.

46.06.02 Ċirkulari Cir AKL 2022/079 mingħand -AKL dwar Skema ġdida għal proġetti sostenibbli mill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza.

46.06.03 Korrispondenza mingħand il-LESA/Regjun Punent dwar tabelli li għandhom jitwaħħlu f'kull sit fejn hemm CCTV sabiex il-LESA jkunu jistgħu joħroġu kontravenzjonijiet. Ġie unanimament deċiż li jiġu ordnati 2 tabelli għal ħdejn iż-żewġ *Bring in-Sites*.

46.06.04 Ċirkulari UPM 12/2022 mingħand id-DLG dwar Użu effiċjenti tal-enerġija. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza u kien hemm qbil li fejn ikun possibbli jimxi mal-linji gwida indikati.

46.06.05 Talba għal kumpens mingħand persuna li allegatament għamel ħsara *f'tyre* tal-karozza meta pparkja fi Triq il-Madonna tal-Ġilju u laqat it-*tyre* ma' *culvert*. Ġie deċiż li dan l-ilment jiġi mgħoddi lil-PWD li kienu responsabbli mill-*culvert* imsemmi.

46.06.06 Ilment mingħand resident dwar tabelli tal-ismijiet tat-toroq imwaħħlin mal-propjetà tiegħu li ma twaħħlux fejn suppost. Ġie deċiż li għandna nkellmu lir-residenti li mal-faċċata tagħhom għandhom jeħlu dawn l-ismijiet tat-toroq sabiex din il-problema tiġi riżolta.

46.06.07 Korrispondenza mingħand residenta li fl-aħħar laqgħa kien tressaq ilment min naħa tagħha dwar *Reserved Parking Space* quddiem ir-residenza tagħha fejn infurmat lill-Kunsill li wara li tkellmet ma missierha, xtaqet li kollox għandu jibqa' kif inhu.

46.06.08 Korrispondenza mingħand *Timecare* rigward *Diaries* għas-sena 2023. Ġie deċiż li kull min huwa nteressat għandu javża lid-DSE sabiex jiġi ordnat *Diary* personalizzat bħal ma saru fis-snin preċedenti.

46.06.09 Korrispondenza mingħand il-President tar-Regjun Punent dwar stedina għal proġett ta' ġemellaġġ mal-municipalita' ta' Nikopol fil-Bulgarija. Il-Kunsillier Decelis informa li inizjalment huwa kien interessat li jattendi però wara li kien staqsa hux possibbli li tattendi anke l-mara tiegħu bħala residenta u r-risposta kienet fin-negattiv, *(wara irriżulta li -risposta tar-Reġjun kienet żbaljata) huwa kien iddeċieda li ma jipparteċipax. F'dan l-istadju d-DSE informa li huwa kien wera l-interess li jattendi u sa issa jidher li d-delegazzjoni Maltija ser tkun komposta mid-DSE tar-Regjun Punent, Viċi-Sindku u SE mill-Kunsill ta' Ħal Safi u minnu.

46.06.10 Korrispondenza mingħand resident fejn ilmenta li minn meta kien reġa' sar il-*Yellow Line* fi Triq Valletta viċin ir-residenza tiegħu, kien hemm tal-inqas żewġ inċidenti fejn vetturi laqtu l-*bollards* li huwa għandu bħala protezzjoni għar-residenza tiegħu. Huwa lmenta wkoll dwar il-fatt li l-bankina quddiem ir-residenza tiegħu ma kienitx saret kif approvata minn TM. Is-Sindku spjegat li kif kien ġie unanimament deċiż waqt l-laqgħa li l-Kunsill kellu mas-sidien ta' propjetà faċċata tar-resident li kien qed jilmenta, kien reġa' għamel il-*Yellow Line* li kien hemm qabel u li qiegħed anke fil-pjanti approvati minn TM. Hija qalet li kif diġà ntqal, waqt li kien qed isir ix-xogħol fuq il-bankina kien hemm qbil li dan ma jsirx eżattament kif approvat minn TM minħabba li kien ser ikun ta' detriment lil terzi. Peress li minn dak iż-żmien sa llum ma kienux irapurtati iktar inċidenti, l-Kunsill iddeċieda unanimament li jqis il-każ magħluq.

46.07 **Rapport Finanzjarju – l-Ewwel Kwart Jannar / Marzu 2022**

46.07.01 Peress li kopja ta' dan id-dokument kienet tqassmet qabel lill-Kunsillieri, dan ġie meqjus bħala moqri u approvat unanimament.

46.08 **Jum l-Imqabba 2022 u Attività Kulturali**

46.08.01 Is-Sindku qalet li wara ħidma li saret fl-aħħar xhur flimkien mal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, Arti u Gvern Lokali, ġiet infurmata li l-istess Ministeru kien alloka €12,000 għall-kunċert fil-Pjazza. Is-Sindku rringrazzjat lill-Ministru Dr Owen Bonnici tal-għajnuna tiegħu.

Hija qalet li l-preżentaturi tas-serata ta' Ġieħ l-Imqabba ser ikunu Mariah Casha u Charles Farrugia filwaqt li Pam Schembri ser tippreżenta l-parti ta' Ġieħ l-Imqabba bħala *Chairperson* tal-Bord tal-Għażla. Bħas-snin preċedenti, għandhom jiġu ordnati l-fjuri għal-fuq il-palk kif ukoll għall-preżentaturi flimkien ma' *tokens* u medalji għar-rebbieħa tal-Ġieħ u tal-Mertu. Ser jintbagħatu wkoll inviti bil-posta lill-mistiedna.

Rigward l-attivita sportiva tas-Sibt fil-għodu, l-Kunsillieri Decelis u Sciberras infurmaw li kienet ser issir laqgħa oħra ma' dawk involuti nhar l-Erbgħa sabiex ikomplu jiġu diskussi d-dettalji. Kien hemm qbil li l-Pjazza tkun magħluqa għat-traffiku s-Sibt fil-għodu minħabba l-attività sportiva u l-Ħadd fil-għodu minħabba

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


l-wirja tal-karozzi u muturi. It-tfal ser jiġu mistiedna sabiex jiġu bir-roti, *skateboards* etc. u dawk preżenti ser jingħataw medalja ta' tifkira.

Rigward il-Ħadd, il-quddiesa ta' ringrazzjament ser tkun fit-08:30 am u wara ssir iċ-ċerimonja tat-tqegħid tal-kuruna tar-rand mis-Sindku quddiem il-lapida ta' dawk li mietu fil-gwerra. Is-Sindku pproponiet illi wara ssir żjara lill-każini tar-raħal.

46.09 **Milied 2022**

46.09.01 Is-Sindku nfurmat li hija kienet attendiet l-ewwel laqgħa għal din is-sena tas-Sotto Kumitat Tiżjin fejn għamlitha ċara li min ma jaqbilx mal-iskop ta' dan is-sotto-kumitat għandu jagħti ċans lil ħaddieħor li lest li jaħdem. Kien hemm qbil li sakemm tintemm il-leġislatura, wara li jiżżarma t-tiżjin, dan għandu jiġi storjat għand il-Kunsillier Dingli sabiex ma jiġrilux ħsara. Kien hemm qbil li jsir fustun ġdid għal Triq Karmenu Ciantar kif ukoll għal Triq il-Karmnu, Triq tan-Nofs u Triq id-Duluri.

Kien hemm qbil ukoll li l-*party* għat-tfal isir fis-Sala tal-Iskola s-Sibt 17 ta' Diċembru filwaqt li fit-18 ta' Diċembru għandna nippruvaw norganizzaw xi *Rock Mass* fl-10:00 am u wara jitqassmu xi ħlewwiet fuq iz-zuntier Kien hemm qbil ukoll li Santa Klaus bis-slitta jdur mar-raħal fl-20 ta' Diċembru fil-għaxija.

Għal sena oħra kien hemm qbil li terġa ssir il-kompetizzjoni tat-tpinġija tal-kartolina mit-tfal kif ukoll il-kompetizzjoni għall-isbaħ faċċata mżejna għall-Milied.

***Peress li kienu għaddew 3 siegħat mill-bidu tal-laqgħa, d-DSE staqsa lill-membri jekk kienx hemm qbil li l-laqgħa titkompla u dwar dan kien hemm qbil unanimu.***

46.10 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 08/46**

46.10.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/46 ġiet approvata unanimament. Ġie approvat ukoll il-kont ta' Christopher Bonello għal xogħlijiet fil-ġonna li wasal illum wara li kienet tlestiet l-iskeda ta' pagamenti.

46.10.02 Il-lista tal-infieq li sar mill-*Petty Cash* matul Awwissu 2022 ġiet approvata unanimament.

46.11 **Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jmiss**

46.11.01 Il-laqgħa ntemmet fl-9:30 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tnejn 10 ta' Ottubru fl-4:00 pm

Konfermati illum it-Tlieta 25 ta' Ottubru 2022.

Grace Marie Zerafa
Sindku

Fabian Mizzi
Deputat Segretarju Eżekuttiv